



KOMUNIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL- PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Din il-komunikazzjoni tispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

IPPROĊESSAR FIS-SAP FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data għal dan l-ipproċessar huwa d-Direttorat tal-Baġit u tal-Affarijiet Finanzjarji.

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Id-data personali tintuża għall-iskop uniku ta' twettiq tal-obbligi legali u kuntrattwali rigward il-proċessi finanzjarji, kif iddefiniti mir-regolamenti applikabbli.

Is-sistema integrata SAP tintuża sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tal-baġit kif ukoll l-ipproċessar u t-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati.

Din is-sistema tamministra l-proċessi li ġejjin:

- ġestjoni u kontabbiltà baġitarja,
- ġestjoni u kontabbiltà finanzjarja,
- ġestjoni u kontabbiltà ta' assi fissi,
- ġestjoni ta' tranżazzjonijiet bankarji,
- eżekuzzjoni ta' ħlasijiet,
- ġestjoni tal-inventarju,
- kontabbiltà analitika,



- ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi,
- ġestjoni tal-kuntratti u tax-xiri,
- ġestjoni tar-riċezzjoni ta' oġġetti rċevuti u servizzi pprovduti,
- kompilazzjoni ta' statistika tat-tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa,
- tnejn ta' rapporti finanzjarji.

L-eżekuzzjoni tal-proċessi indikati hawn fuq bl-osservanza tar-regolament finanzjarju u tal-obbligi legali tirrikjedi r-reġistrazzjoni ta' data personali:

- tal-persuni fiżiċi nnominati li jkunu involuti f'relazzjonijiet finanzjarji jew kuntrattwali mal-Qorti tal-Ġustizzja;
- tal-persuni fiżiċi nnominati bħala rappreżentant jew li jaġixxu għal operatori ekonomiċi u kuntratturi fil-kuntest ta' proċeduri u kuntratti għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi;
- tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja magħżul sabiex juża s-sistema SAP sabiex iwettaq kompiti relatati mat-tranżazzjonijiet finanzjarji, bħal li jaġti bidu, jirreġistra, jaġġorna, jivverifika u japprova t-tranżazzjonijiet fis-sistema, inkluża l-parteċipazzjoni fi flussi ta' xogħol elettroniċi li jkunu obbligatorji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom;
- tal-persuni fiżiċi nnominati li jkunu involuti bħala awturi jew kontributori fl-iżvilupp u l-adattament tas-software SAP.

L-attivitajiet tal-utenti SAP kollha jiġu rreġistrati fir-reġistri tekniċi ta' sigurtà li jistgħu jintużaw biss għall-verifika u l-investigazzjoni fil-każ ta' attività suspetta fis-sistema jew fil-każ ta' dubji dwar l-awtentiċità tad-data. Id-data marbuta mal-operazzjonijiet mibdiya u mal-bidliet effettwati tiġi rreġistrata fir-reġistri ta' awditu li jaġmliha possibbli li tiġi ddokumentata l-orijini tal-modifiki magħmula għad-data jew għad-dokumenti finanzjarji u sabiex jiġu vverifikati t-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-kronoloġija tagħhom.

Jekk inti żviluppatur jew kontributor, ismek jew l-identifikatur assoċjat mal-modifiki fil-kodiċi sors, mal-personalizzazzjoni tal-modifiki u mad-dokumenti ta' disinn jista' jintuża għall-verifika teknika matul l-għaxar snin wara l-implimentazzjoni, u sabiex jiġi ddokumentat il-fatt li inti l-awtur fil-każ li japplikaw id-drittijiet.

Din il-komunikazzjoni tipprovdi sunt tal-parti tal-ipproċessar tad-data personali li titwettaq teknikament fis-sistema SAP. Il-fajls ta' protezzjoni ta' data u d-dikjarazzjonijiet ta' kunfidenzjalità assoċjati għall-ipproċessar sħiħ ta' data personali meħtieġa għall-proċessi finanzjarji rilevanti jiġu ddokumentati separatament fil-komunikazzjonijiet ta'



informazzjoni li ġejjin:

- komunikazzjoni ta' informazzjoni għall-entitajiet legali,
- komunikazzjoni ta' informazzjoni għall-kuntratti pubbliċi,
- komunikazzjoni ta' informazzjoni EDES,
- komunikazzjoni ta' informazzjoni għall-verifika *ex ante* u *ex post*.

Kif irċevejna d-data tiegħek?

Ċerta data nġabret direttament mingħandek għall-finijiet ta' ġestjoni ta' proċessi differenti stabbiliti iktar 'il fuq. Hija biss id-data mitluba minna, li hija intiża li tissodisfa r-rekwiżiti tal-proċessi, li tiġi rreġistrata fid-databases tagħna tas-sistema SAP.

Aħna ksibna d-data tiegħek permezz:

- tal-iskeda finanzjarja li bgħattilna fil-każ li tirċievi ħlas mill-Qorti tal-Ġustizzja;
- tad-dokumenti li bgħatt bħala parti mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti;
- tad-dokumenti tat-talba għal aċċess għas-sistema SAP li bgħatt fil-każ li jkoll ok bżonn aċċess għas-sistema.

Data oħra tiġi rreġistrata awtomatikament mis-sistema SAP sabiex tikkostitwixxi r-reġistri ta' sigurtà u ta' awditu li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-operazzjonijiet kollha mwettqa fis-sistema SAP.

Kategoriji ta' persuni kkonċernati u kategoriji tad-data personali tagħhom ipproċessata.



Kategorija	Informazzjoni dwar il-persuni	Orìgini
Entità legali	Isem, indirizz, indirizz elettroniku, numru tal-VAT, kont(ijiet) bankarju/i, detentur(i) tal-kont(ijiet), dokumenti ta' sostenn relatati miegħu.	Trażmess mir-rappreżentant tal-entità
	Kuntratti qafas, kuntratti speċifiċi li jkopru s-servizzi, oġġetti, kwantitajiet ordnati, il-prezzijiet u karatteristiċi oħra tal-ordni, id-dokumenti relatati (offerta, ...).	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
	Riċezzjoni ta' oġġetti rċevuti u servizzi pprovduti, dokumenti ta' kunsinna.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
	Fatturi jew talbiet għal flus ekwivalenti rċevuti minn terzi, flusijiet rċevuti, dokumenti annessi.	Trażmess mir-rappreżentant tal-entità
	Noti ta' debitu indirizzati, flusijiet magħmula, flusijiet rċevuti, tranżazzjonijiet oħra ta' kontabbiltà relatati mal-ġestjoni legali tal-kontijiet.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
Operatur ekonomiku	Isem, indirizz, indirizz elettroniku, numru tal-VAT.	Trażmess mir-rappreżentant tal-operatur
	Proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u lottijiet, informazzjoni dwar in-nuqqas ta' esklużjoni, il-kapaċità teknika u finanzjarja, kif ukoll il-karatteristiċi tal-offerta.	Trażmess mir-rappreżentant tal-operatur
	Evalwazzjoni tal-offerta u aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda tagħha.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
Persuna fiżika li tirrappreżenta persuna ġuridika jew operatur ekonomiku (punt ta' kuntatt, impjegat, persuna li tikkunsinna, eċċ.)	Isem, kuntatti professjonali (indirizz elettroniku, telefon), persuna li timpjegah, rwol.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
Persunal	Isem, kont(ijiet) bankarju/i, detentur(i) tal-kont(ijiet), dokumenti ta' sostenn relatati miegħu.	Trażmess mill-persuna



	Identifikatur, NUP u dipartiment li lilu tiġi assenjata l-persuna.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
	Tagħmir informatiku mqiegħed għad-dispożizzjoni (laptop, telefon mobbli, ...).	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
	Spejjeż relatati mal-missjonijiet.	Trażmess mill-persuna
	Kalkolu tas-salarji u tal-allowances.	Stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja
	Talba għal ħlas bil-quddiem, ħlas għall-benefiċċju tal-persuna, ħlas rċevut mill-persuna, tranżazzjonijiet oħra tal-kontabbiltà relatati mal-ġestjoni legali tal-kontijiet.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
Utenti (persunal jew simili)	Identifikatur, isem, dipartiment, rwoli u awtorizzazzjonijiet fis-sistema, rwoli fiċ-ċirkwit finanzjarju, indirizz elettroniku, numru tal-uffiċċju u numru tat-telefon.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tat-talba mressqa għal aċċess SAP
	Proċeduri għall-għoti ta' kuntratt u lottijiet li fihom l-utent ikun intervjuna bħala membru tal-kumitat ta' evalwazzjoni.	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja
Żviluppaturi (interni jew esterni)	L-istess informazzjoni bħall-utenti ta' fornitur ta' servizzi jew l-utenti fost il-persunal	Irreġistrati mill-Qorti tal-Ġustizzja;
	+ bidliet li jkunu saru fil-konfigurazzjoni, fil-kodiċi sors tas-software maħluq jew immodifikat fis-sistema, ordnijiet ta' trasport marbuta ma' din il-bidla, b'indikazzjoni tal-ħin li fih ikunu seħħew.	Irreġistrati awtomatikament mis-sistema.
	Isem jew inizjali tal-awtur/kontributur fid-dokumenti preparatorji ta' disinn fis-sens tad-Direttiva 2009/24/KE, li jinżammu barra mis-sistema SAP.	
Kull utent SAP	Kull fajl finanzjarju maħluq mill-utent, b'indikazzjoni tal-ħin li fih isseħħ l-azzjoni; kull fajl finanzjarju jew kull valur immodifikat mill-utent b'indikazzjoni tal-ħin li fih isseħħ il-modifika; kull fajl finanzjarju approvat mill-utent b'indikazzjoni tal-ħin li fih isseħħ l-approvazzjoni.	Irreġistrati awtomatikament mis-sistema
	Reġistru ta' sigurtà: identifikatur tal-utent, identifikatur tan-netwerk tal-post tax-xogħol tal-utent, isem it-tranżazzjoni jew ir-rapport imniedi (inklużi tranżazzjonijiet ta' konnessjoni), indikazzjoni tal-ħin li fih isseħħ l-operazzjoni.	Irreġistrati awtomatikament mis-sistema

Barra minn hekk, is-sistema tista' taħżen ismijiet jew data oħra li potenzjalment jistgħu jidentifikaw persuni fiżiċi fi kriterju fejn jiddaħħal test liberu, jew wara li tiddaħħal data



mill-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew wara t-trażmissjoni awtomatika minn terzi (permezz ta' fattura elettronika jew rendikont tal-kont bankarju). Din l-informazzjoni personali potenzjali ma tistax tiġi pproċessata awtomatikament u ġeneralment ma tkunx suffiċjenti sabiex tidentifika persuna fiżika b'mod ċar u mingħajr ambigwità.

L-informazzjoni u d-data personali li tiddaħħal fil-fatturi, dikjarazzjonijiet ta' onorarji jew kwalunkwe forma oħra ta' talba għal ħlas, kif ukoll dik inkluża fid-dokumenti li tibgħatilna bħala anness għal dawn it-talbiet għal ħlas, ma jiġux irreġistrati fid-databases. Madankollu, id-dokumenti kollha rċevuti jinħażnu fis-sistema SAP f'format diġitali u jiġu annessi mat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jirreferu għalihom.

Dikjarazzjonijiet statistiċi li jagħmluha possibbli li jitfasslu r-rapporti dwar l-attivitàjiet baġitarji u finanzjarji tad-dipartimenti differenti li jawtorizzaw tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu estratti mis-sistema SAP fuq il-bażi ta' operazzjonijiet imwettqa mill-atturi fiċ-ċirkwit finanzjarju.

Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

L-atturi finanzjarji tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-membri tal-persunal li minnhom joriġinaw it-talbiet, il-membri tal-persunal responsabbli għall-verifika, l-uffiċjali li jawtorizzaw), il-kontabbli u membri oħra tal-persunal involuti fl-ipproċessar ta' proċessi finanzjarji, kif ukoll l-awdituri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kuntest tal-missjoni f'data lilhom mill-Artikolu 287 TFUE.

Jekk inti utent tas-sistema SAP, l-esperti tas-sigurtà tal-informatika u l-investigaturi jistgħu jkollhom aċċess għar-reġistru ta' awditu u ta' sigurtà sabiex jivverifikaw is-sigurtà tas-sistema u tal-kontijiet tal-utenti.

Numru limitat ta' atturi involuti fil-ġestjoni teknika u bħala sostenn għas-sistema (tim ta' sostenn fid-dipartiment tal-finanzi, konsulenti SAP, amministraturi ta' databases, inġiniera tan-netwerk) jistgħu jaċċedu għal din id-data kollha jew parti minnha, iżda biss fil-kuntest tal-missjonijiet tagħhom ta' sostenn tekniku tagħhom; huma ma humiex awtorizzati jwettqu estrazzjoni jew jagħmlu użu mid-data għal skopijiet oħra.

Id-data tiegħek ma tiġix ittrasferita lejn pajjiżi terzi jew istituzzjonijiet internazzjonali oħra.



Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Konformement mal-perijodi ta' żamma għad-dokumenti adottati mill-Istituzzjoni, id-data personali, fil-forma stampata jew elettronika, tinżamm għal perijodu ta' 10 snin li jibda mill-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi wara l-aħħar tranżazzjoni finanzjarja konkluża miegħek.

Il-fajls stampati jew elettroniċi jitħassru matul is-sena li tiġi wara t-tmiem tal-perijodu ta' żamma.

Il-perijodu ta' żamma tar-reġistru ta' sigurtà huwa ta' sentejn wara s-sena li fiha tkun ġiet irreġistrata l-azzjoni tal-utent.

Fiż-żewġ każijiet, skont il-limitazzjonijiet ta' ppjanar tal-programm ta' ġestjoni taż-żamma tad-data, id-data tista' tinżamm għal sena addizzjonali.

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli, għandek dritt titlob lill-kontrollur tad-data aċċess għad-data tiegħek, kif ukoll, skont il-każ, għar-rettifika tagħha, għat-tneħħija tagħha, jew id-dritt li titlob restrizzjoni ta' pproċessar.

Barra minn hekk, tista' tikkontesta l-ipproċessar għal raġunijiet imperattivi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja?

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bil-modi segwenti:

Kuntatt: dataprotection_finance@curia.europa.eu

Indirizz postali:

Cour de justice de l'Union européenne

Direction du Budget et des affaires financières

Unité Comptabilité

Rue du Fort Niedergrünwald

L-2925 Luxembourg

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u, bħala prinċipju, f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.



Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:

Kuntatt: DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.